MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2722/2002

**Francis Formosa**

**Vs**

**Joseph Agius u Edgar Apap**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn l-attur talab l-ammont ta’ Lm369.50c (tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati lill-vettura tieghu LAL 694 meta Joseph Agius ippermetta lil Edgar Apap isuq il-vettura numru KAG 209 u konsegwenza tas-sewqan traskurat ta’ l-istess
Apap habat fil-vettura ta’ l-attur misjuqa minn Silvana Formosa.

Ra r-Risposta tal-konvenut Joseph Agius fejn eccepixxa s-segwenti:

1. Illi primarjament huwa mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi huwa mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk m'ghandux ibaghti spejjez.

3. Illi bla pregudizzju, l-ammont reklamat mill-attur huwa esagerat.

Ra r-Rikors tas-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Ltd, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc fejn din l-istess socjeta' talbet li tithalla tintervjeni fil-kawza odjerna *in statu et terminis*, peress li l-istess socjeta' kienet harget polza ta' assigurazzjoni fuq il-vettura bin-numru KAG 209 f'isem Joseph Agius, liema talba giet milqugha.

Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi migjuba jirrizulta li l-konvenut Apap kien unikament responsabbli ghall-incident. Il-konvenut Agius biegh il-vettura tieghu lil dan Apap. Illi Agius ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-istess konvenut Joseph Agius u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez ta' Agius ghandu jhallashom l-attur.

Illi l-konvenut Edgar Apap la pprezenta r-Risposta tieghu u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal, u dan anke wara li nghata diversi okkazzjonijiet. Illi mill-provi jirrizulta li l-istess konvenut kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni.
Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Edgar Apap ihallas l-ammont ta' Lm369.50c (tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu), bl-ispejjez kontra l-istess Edgar Apap hlief ghal dawk diga decizi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------